MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 20/2012

**W T**
**vs**
**Y G, P B ghal kull interess li jista' jkollu u Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Ciscaldi li b' digriet datat 21 ta' Marzu 2012 gew nominati kuraturi nominati sabiex jirraprezentaw lill-minuri N T li twieldet fl-l ta' Novembru 2011 u b' digriet tal-20 ta' Gunju 2012 gie emendat d-digriet tal-21 ta' Marzu 2012 fis-sens li l-Prokuratur Legali hija Marie Claire Bartolo; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi fid-9 ta’ Novembru 2011 (recte 2001) l-attur izzewweg lill-konvenuta Y G (Dok A);

Illi f'Novembru 2010 il-partijiet isseparaw de facto minn ma' xulxin u minn dak iz-zmien lanqas qatt ma kellhom relazzjoni sesswali bejniethom u sussegwentement, fil-25 ta' Frar 2011, l-attur u l-konvenuta Y G isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr. Alicia Agius (Dok B);

Illi sussegwentement il-konvenuta Y G bdiet tghix mal-konvenut P B u kellha relazzjoni mieghu li minnha harget tqila;

Illi fl-10 ta' Novembru 2011, twieldet il-minuri N, liema minuri kellha tkun registrata bhala l-wild naturali ta' l-attur W T, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Twelid anness u mmarkat bhala Dok C;

Illi filwaqt li huwa impossibbli li l-attur W T ikun il-missier naturali tal-minuri N, il-konvenut P B jirrikonoxxi lill-minuri N bhala l-wild naturali tieghu;

Illi l-minuri N mhijiex il-wild naturali ta' l-attur W T;

Illi l-minuri N hija l-bint naturali tal-konvenut P B;

Illi l-attur ma jridx li huwa jibqa' jkun indikat bhala l-missier tal-minuri N;

Ghalaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

Tiddikjara li l-minuri N li twieldet fl-10 ta' Novembru 2011 mhijiex il-wild naturali ta' l-attur W T;

Tiddikjara li l-minuri N li twieldet fl-10 ta' Novembru 2011 hija l-wild naturali tal-konvenut P B;

Tordna li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat- Twelid tal-

minuri N li twieldet fl-10 ta' Novembru 2011, fis-sens li jitnehhew il-konnotati ta' l-attur W T mill-istess Att tat-Twelid u jitnizzel l-isem tal-konvenut P B bhala l-missier.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li ssottometta dan li gej:-

Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' denegata paternita r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligljiet ta' Malta;

Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti [hoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri N T, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha taht l-Artikolu 70 (3) billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analazi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;
Illi l-esponent jirrileva li huwa ma joggezzjonax ghat-tieni talba tar-rikorrenti dejjem jekk jigi ppruvat li l-intimat, P B, huwa tassew missier il-minuri.

Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'dak il-kaz l-esponenti jinvita lil P B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri N T, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla N T. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita N T;

Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri N T trid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat.

**PROVI**.

L-attur xhed illi huwa u l-konvenuta izzewgu fid-9 ta' Novembru 2001 mil-liema zwieg kellhom tifel fis-sena 2002. F'Novembru 2010 il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix mal-konvenut P B.

L-attur u l-konvenuta isseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fil-25 ta' Frar 2011 u fl-10 ta' Novembru 2011 twieldet il-minuri N Rose li giet registrata fuq isem l-attur bhala missier .

Xehed il-konvenut Terence B li ddikjara li hu u l-konvenuta bdew jiltaqghu ta' spiss f'Ottubru 2010 u xahar wara l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u marret tabita mieghu. Fi Frar 2011 il-konvenuta harget tqila bit-tarbija taghhom li twieldet fl-10 ta' Novembru 2011 u semmewha N Rose.

Xehdet ukoll il-konvenuta Y G li kkonfermat ix-xhieda ta' Terence B.

Xehdu wkoll Dr Marisa Cassar u W Sultana, ta' l-ahhar li ha l-kampjuni minn fuq il-persuna ta' Y G, Terence B u l-minuri N Rose, filwaqt li Dr Cassar ghamlet l-analizi xjentifika fejn ikkonkludiet illi l-probabilita' li l-minuri N Rose hi t-tifla tal-konvenut Terence B hi ta' 99.9999%.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-rikors guramentat u r-risposti guramentati bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri N Rose ma hiex il-wild naturali tal-attur W T.
2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-minuri N Rose hi l-wild naturali tal-konvenut P B.
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri N Rose jitnehha isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu u minflok jitnizzel bhala missier it-tarbija l-isem P B bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-att tat-twelid tieghu u mix-xhieda minnu moghtija fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Y G u P B in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------